MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VERONICA GALEA DEBONO

Seduta tas-16 ta' April, 2009

Talba Numru. 754/2007

Dr. Steven Farrugia Sacco ghan-nom u in rappresentanza tal-kumpanija estera Geonav SRL.

Vs

Mark Randon (Id. 232969M).

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu peress illi l-kumpanija attrici kienet tissuplixxi u tikkonsenja prodotti ta' natura varja lil konvenut biex ibieghom fil-hanut tieghu '*Boats n Sails'*, liema hanut jinsab 15/17 Enrico Mizzi Street, Ta' Xbiex; u peress illi l-konvenut naqas li jhallas il-bilanc dovut lill-kumpanija attrici fis-somma ta' elfejn, seba mija u tmienja u sittin Ewro (€2,768) rapprezentanti merkanzija mibjugha u kkonsenjata lilu; u peress illi l-kumpanija attrici baghtet ittra fis-27 ta' Gunju 2007 fejn il-konvenut gie interpellat biex ihallas; u peress illi f'ittra

datata 20 ta' Lulju 2007 il-konvenut kiteb ittra fejn informa lill-kumpanija attrici li huwa accetta li jhallas is-somma ta' elfejn, sitt mija u sitta u disghin Ewro (€2,696); u peress illi l-kumpanija attrici kienet ukoll silfet lill-konvenut *fish finder* tal-valur ta' sitt mija u ghaxar Ewro (€610), li kellu jigi ritornat f'Awissu 2007 izda qatt ma gie ritornat; u peress illi ghalkemm il-kumpanija attrici xorta wahda stqarret li l-bilanc minnha mitlub huwa korrett, accettat li s-somma proposta mill-konvenut la darba huwa jhallas minnufieh u jirritorna, fl-istat pristin tieghu, l-prodott (*fish finder*) li kien misluf ghand il-konvenut sabiex izejjen il-hanut tieghu; u peress illi skond email datata 11 ta' Settembru 2007, il-konvenut informa lil konsulent legali tal-kumpanija attrici li *'I will attach and send proof of payment once acknowledged by bank who have been given instructions – with regards to GPS unit this has been collected by TNT and I will also attach and send receipt*); u peress illi l-konvenut gie interpellat diversi drabi biex ihallas izda baqa' inadempjenti ghalkemm ipprometta diversi drabi li sejjer ihallas, talbet ghalhekk is-socjeta' attrici li dan it-Tribunal jiddikjara li l-konvenut huwa debitur taghha fis-somma ta' tlett elef, tlett mija u tmienja u sebghin Ewro (€3,378) rapprezentanti l-bilanc dovut u l-prodott (*fish finder*) li qatt ma gie ritornat; u jikkundanna l-konvenut ihallasha s-somma ta' tlett elef, tlett mija u tmienja u sebghin Ewro (€3,378). Bl-ispejjes inkluz dawk tal-mandati pprezentati kontestwalment ma dana l-att, u tal-ittra bonarja, u bl-imghax, kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra n-nota ta' Dr. Joseph Schembri bhala mandatarju tal-konvenut Mark Randon li biha ammetta t-talba kif dedotta kontra tieghu sa l-ammont ta' elfejn, sitt mija u sitta u disghin Ewro (€2,696).

Ra n-nota tal-attur nomine li permezz taghha huwa rriduca t-talba kif kontenuta fl-Avviz ghal dik ta' elfejn, sitt mija u sitta u disghin Ewro (€2,696).

Ghaldaqstant, fid-dawl tan-nota ta' ammissjoni tal-konvenut u tan-nota ta' riduzzjoni tat-talba tal-attur nomine, t-Tribunal jikkundanna l-konvenut ihallas lill-attur

nomine s-somma ta' elfejn, sitt mija u sitta u disghin Ewro (€2,696), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjez kollha tal-kawza kif mitluba fl-Avviz ghandhom jigu ssopportati mill-konvenut.

**Av. Veronica Galea Debono.**
**Gudikant.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------